Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex fl-ibliet il-kbar l-anzjani, l-emarġinati u dawk li sfaw weħidhom jiltaqgħu ma' nies li jagħtu kashom.**

## Ninġabar:

Insib post għal kwiet ... nidħol fil-preżenza ta' Alla ... u nitolbu sabiex jieħu f'idejh ir-riedni ta' ħsibijieti f'dan il-mument ... Issa nagħti daqqa t'għajn lil dan l-eżempju veru ta' solidarjetà jew in-nuqqas tagħha, bejn il-bnedmin.

## Fatt ċkejken:




Lindsay kienet aktar ferħana f'Kabul. Minkejja l-isplużjonijiet tal-bombi ftit 'il barra mill-aġenzija ta' żvilupp fejn kienet taħdem, hija ppreferiet il-ħajja fil-kapitali tal-Afganistan minn dik tal-belt fejn trabbiet f'pajjiż tal-Punent. F'Kabul xejn ma kienet tħossha weħidha.

"Għall-ewwel darba fil-ħajja tiegħi ta' mara adulta, ma kontx inħossni iżolata", tistqarr. "Fuq livell uman, kont inħossni marbuta mal-bqija tan-nies l-oħra, ħsibijietna kienu kollha l-istess. Kont inħoss li kulħadd qed jittama u jaħdem biex itejjeb id-dinja ta' madwarna."

Meta s-sitwazzjoni fl-Afganistan saret perikoluża għall-aħħar, Lindsay kellha tmur lura lejn pajjiżha fejn taħdem bħala *communications manager* għall-gvern lokali. Hawnhekk tħoss in-nuqqas ta' kumpanija sempliċi, imxennqa għal xi ħadd f'ħajjitha ma' min tiltaqa' b'mod regolari, imorru jaraw film jew jieħdu kafè flimkien. Ix-xogħol l-aktar li jagħtiha sodisfazzjon. Xi drabi tistħajjel kif kienet tkun il-ħajja li kieku ma kelliex ix-xogħol. Minkejja li għandha biss 44 sena, ma tantx tħossha f'sikkitha, bħal donnu dejjem għajjiena u ma tkunx tista' tikkonċentra.

Dan l-aħħar moħħ Lindsay spiss idur lejn il-ħafna anzjani weħidhom u l-emarġinati f'dik il-belt kbira: min jaf kemm hi tal-waħx il-qagħda tagħhom.

## Naħseb ftit:

Qatt innotajt kemm nies jippreferu joqogħdu fil-kwiet u jużaw il-*mobile* jew il-*laptop* minkejja li jkunu f'postijiet pubbliċi u "fil-kumpanija" ta' oħrajn bħalhom. Tgħid dan għaliex?
Jista' jkun li n-natura ta' xogħli mhux iħallini niżviluppa sens ta' solidarjetà lejn l-oħrajn?

## Nitlob:

Mulej, filwaqt li nirringrazzjak tal-persuni li jriduli l-ġid, nitolbok biex ma tħallinix ninsa lil dawk li ma nfittixhomx għax jidhirli li m'għandix bżonnhom. Lil dawn, Missier, wittilhom it-triq biex huma wkoll isibu lil min iwasslilhom il-ħlewwa u l-kobor ta' mħabbtek.

## Kliem ta' dawl:

Issa qed nifhem li l-uniku mod kif nista' tassew inħossni tajjeb f'ħajti huwa billi nagħraf li qed ngħix f'rabta sħiħa man-nies l-oħra kollha tad-dinja - mingħajr ebda eċċezzjoni." - Leo Tolstoy

## X'nista' nagħmel:

Sib ħin fil-ġurnata fejn titfi il-mobajl u titkellem ma' dawk li tħobb mingħajr ma tħalli lil ħadd u lil xejn itellfek milli tikkomunika tajjeb.

Fil-lista tal-kuntatti tal-mobajl tiegħek ara hemmx xi ħadd li forsi qed ibati jew iħossu waħdu u mwarrab mill-oħrajn. Agħmillu sorpriża, ċempillu b'xi skuża jew oħra... kemm turih li jimpurtak minnu.

Meta tmur iżżur xi ħadd f'xi dar tal-anzjani jew l-isptar staqsi hemmx xi ħadd li qatt ħadd ma jmur iżuru. Forsi id-darba li jmiss imqar tqatta' żewġ minuti ħdejh!